MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Numru 557/1996

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**-vs-**
**Joseph Debono**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Debono, talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-2 ta' Dicembru 1989 u l-1 ta' Frar 1994, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond "Zaro Confectionany", 70, Quarries Square, Msida jew bhala l-persuna li kellek f'idejk l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinstab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal Lm628.36c, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u ammont, u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi, ghamilt hsara fil-

makkinarju u gumni tal-elettriku, jew ikkagunajt telf ta' kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, hin, u cirkostanzi ghamilt hsara jew kissirt xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom;
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;
Rat illi l-imputat iddikjara, waqt l-ezami maghmul lilu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u dan wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;
Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2013, quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-imputat issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fl-istess udjenza, il-prosekuzzjoni ikkontendiet illi minhabba l-emendi li dahlu fis-sehh fis-sena 2003, il-preskrizzjoni giet sospiza hekk kif saret l-ewwel notifika lill-imputat. Dakinhar, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni;
Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' April 2013, stante li dan il-punt kien ghadu ma giex deciz mill-Qorti kif diversament presjeduta, din il-Qorti, kif presjeduta, iddifferiet il-kawza sabiex il-partijiet jittrattaw dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputat;
Semghet it-trattazzjoni tad-difiza dwar din l-eccezzjoni fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2013 u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, intavolata minnha fit-8 ta' Lulju 2013, u dan wara li l-Qorti tat zmien sa dakinhar lill-prosekuzzjoni, sabiex tipprezenta nota responsiva wara t-trattazzjoni tad-difiza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidrat**:
1. Illi d-difiza ssottomettiet fit-trattazzjoni taghha, illi ghalkemm l-istitut tal-preskrizzjoni huwa rregolat mill-Kodici Kriminali taht it-Tieni Ktieb tal-istess Kodici, ossia dak intestat "Ligijiet ta' Procedura Kriminali", fl-essenza tieghu dan l-istitut huwa wiehed ta' natura sostantiva. In sostenn tas-sottomissjoni taghha, id-difiza ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 1994, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs**

**Joseph Grima**. Fil-fehma tad-difiza ghalhekk, la darba l-ligi dwar il-preskrizzjoni hija wahda sostantiva u mhux procedurali, l-emendi fil-ligi tal-preskrizzjoni li dahhlu fis-sehh fis-sena 2002, m'ghandhomx jigu applikati retroattivament, sakemm il-ligi kif emendata ma tkunx izjed favorevoli ghall-imputat. Skond id-difiza, wara li nbdew il-proceduri odjerni, l-imputat ma kienx gie notifikat bis-smiegh tal-kawza odjerna ghal tmienja jew disa' snin u ghalhekk in vista tal-fatt illi l-Artikolu 687(2) tal-Kap. 9 dahal in vigore fis-sena 2002 u ghalhekk wara li gew allegatament kommessi r-reati fl-imputazzjonijiet odjerni, dan l-artikolu tal-ligi ma jaghmilx ghall-kawza de quo, bir-rizultat li din l-azzjoni hija preskritta.

2. Illi min-naha taghha, l-prosekuzzjoni ssottomettiet fl-ewwel lok illi tenut kont tal-oghla piena applikabbli ghall-imputazzjonijiet odjerni u cioe` dik taht l-Artikolu 279(a), fejn is-serq ikkwalifikat bil-valur, hin u mezz huwa punibbli b'piena massima ta' prigunerija ghal tlett snin u tenut kont illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat kontinwat ta' serq, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn sabiex allura l-piena massima tkun dik ta' hames snin. Skond il-prosekuzzjoni allura, ai termini tal-Artikolu 688(c) tal-Kap. 9, il-preskrizzjoni fir-rigward ta' dawn l-akkuzi hija dik ta' ghaxar snin u mhux ta' hames snin, kif qed issostni d-difiza. Ukoll skond il-prosekuzzjoni, bejn notifika u ohra tal-imputat f'dawn il-proceduri, qatt m'ghadda perjodu ta' ghaxar snin u allura l-azzjoni mhijiex preskritta.

3. Illi fil-fehma tal-prosekuzzjoni, l-aggravju tar-reat kontinwat ghandu effett fuq il-preskrizzjoni b'tali mod illi t-terminu tal-preskrizzjoni f'kaz ta' reat kontinwat huwa itwal. In sostenn ta' din is-sottomissjoni, l-prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-Artikolu 689 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssostni li l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz de quo, hija dik ta' ghaxar snin. In oltre, il-prosekuzzjoni tissottometti illi l-emendi fil-ligi dwar il-preskrizzjoni, li dahlu fis-sehh fis-sena 2002, huma ta' natura amministrattiva u mhux penali u li ghalhekk, ikollhom effett anke fuq il-kawzi li jkunu diga` qed jinstemghu u mhux biss fuq dawk il-kawzi li jkunu tressqu wara li l-emendi jkunu dahlu fis-sehh. In sostenn tat-tezi taghha, il-prosekuzzjoni tghid illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu

550(1) tal-Kap. 9 qed jigu applikati anke f'dawk il-proceduri li kienu gew istitwiti qabel ma dahlet fis-sehh din l-emenda partikolari, ossia fis-sena 2006.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

4. Illi waqt il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, dahlu fis-sehh emendi fil-Kodici Kriminali rigwardanti l-ligi tal-preskrizzjoni. Dawn l-emendi fil-fatt dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, bis-sahha tal-Att Nru. III tas-sena 2002. Bis-sahha tal-imsemmi Att, gie mizjud sub-artikolu gdid ghall-Artikolu 687 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond dan is-sub-artikolu:-

"*Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza*."

5. Dwar dawk il-kazijiet fejn il-preskrizzjoni tibda tiddekorri taht ligi partikolari li sussegwentement tigi emendata, biex b'hekk iz-zmien tal-preskrizzjoni jiddekkori kompletament taht il-ligi kif emendata u dwar in-natura tal-istitut tal-preskrizzjoni, **il-Professur Sir Anthony Mamo** jghid hekk fin-noti tieghu[1]:

"*It may happen that prescription may commence to run under one law and become complete when a new law has already come into force. The most commonly accepted doctrine is that where the laws which succeed one another vary as to the conditions or effect of prescription, the same principle should apply, as govern the operation of substantive criminal law in the same circumstances, ie:*

*(i) that the law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the law was in force;*

*(ii) that nevertheless, the provisions of a subsequent law which comes into operation after the commencement of prescription apply retrospectively if they are more favourable to the defendant.*

[1] *Notes on Criminal Procedure*, pagna 42.

*Entrambi queste due disposizioni si riducono ad una formula sola: e cioe` che le leggi posteriori relative alla prescrizione si applicano anche alle prescrizioni cominciate prima della lora pubblicazione, quando il contenuto delle nuove determinazioni giuridiche sia piu` favorevole all'imputato (**Pessina**, op. cit. p. 393; cfr. also **Lucchini**, op. cit. p. 115, para. 104). The reason is that, although in our Code prescription is dealt with in Book Second which deals with Criminal Procedure, it is nevertheless, in its essence and practical operation really an institute of Substantive and not of Adjective Law: it relates not to the process or form of the proceedings but to their very purpose and subject-matter; it concerns the ends which the administration of criminal justice seeks not to the means and instruments by which those ends are to be attained. Therefore while the general rule remains that a new law of procedure insofar as it regulates the form of the proceedings or the competence or jurisdiction of the Courts operates retrospectively so as to cover also proceedings in respect of offences committed under the old law, and this whether the new law is more or less favourable to the defendant, in the case of prescription, the new law does not operate retrospectively unless it is in fact more favourable to the accused. **Rauter** thus writes: Il principio della non retroattivita della legge penale non si estende anche alla legge di procedura in quanto che questa regola il modo da seguire per l'applicazione della legge penale (ordinatorium litis). La nuova legge di procedura governa anche quelle cause che si riferiscono a fatti anteriori alla publicazione di essa; imperocche` in questa materia predomina il carattere della legge di ordine pubblico, che, nessuna disposizione di legge modifica, e legalmente parlando l'accusato non ha nessun vero interesse per venir giudicato seguendo piuttosto una forma che un' altra. Ma per tutto cio` che e` litis decisorium nelle leggi di procedura, come per esempio … la prescrizione del delitto ecc., la regola della non retroattivita` e` anche applicabile. (i.e. if the new law is less favourable to the accused).*"

6. Illi fis-sentenza taghha tat-2 ta' Mejju 1994, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grima**, il-Qorti tal-Appell Kriminali,

fil-waqt li ghamlet referenza ghan-noti tal-Professur Sir Anthony Mamo hawn fuq citati, qalet hekk:

"*9. F'materja kriminali, ghall-inqas, il-ligi procedurali hija min-natura taghha retroattiva. Jigifieri bhala regola, ghal dak li jirrigwarda procedura, il-ligi li ghandha tigi applikata hija dik in vigore fi zmien il-proceduri, minkejja li fi zmien il-kommissjoni tar-reat il-proceduri setghu kienu regolati b'ligi differenti. Dan huwa applikabbli irrispettivament minn jekk il-ligi precedenti kinitx izjed jew inqas favorevoli ghall-imputat.*

*10. Il-ligi sostanzjali, ghall-kuntrarju, bhala regola, ma tapplikax retrospettivament. Ghandha tigi applikata l-ligi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat.*

*11. Fil-Kodici Kriminali, l-preskrizzjoni hija trattata fit-Tieni Ktieb intestata "Ligijiet ta' Procedura Kriminali." Ghalhekk jidher li l-ligi dwar il-preskrizzjoni ghandha titqies bhala ligi procedurali. Apparentement allura, a tenur tar-regola generali premessa fil-paragrafi 9 u 10 hawn fuq, kwantu ghall-preskrizzjoni ghandha tigi applikata l-ligi fis-sehh fi zmien il-procediment, anki retroattivament a rigward reat kommess f'data precedenti li fiha kienet in vigore ligi ohra.*

*12. B'danakollu l-ligi dwar il-preskrizzjoni, fl-essenza u fl-operazzjoni prattika taghha, realment hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux procedurali. Din il-ligi ma tirrigwardax il-process jew il-forma tal-proceduri, izda tirrigwarda l-iskop u l-oggett ta' dawn il-proceduri. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex, u mhux il-mezzi li bihom dak il-fini ghandu jigi miksub. Ghalhekk fil-kaz tal-preskrizzjoni, il-ligi recenti ma ghandhiex tigi applikata retroattivament. Ma ghandhiex tigi hekk applikata, jigifieri, sakemm ma tkunx aktar favorevoli ghall-imputat*."

7. Illi kemm il-darba il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat, allura kull azzjoni kontrih tispicca u konsegwentement tispicca wkoll il-piena. Fil-kawza appena citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:-

"*14. Din il-Qorti tikkondividi din l-opinjoni* (tal-Professur Anthony Mamo) *anke ghaliex thoss li, kuntrarjament ghall-*

*opinjoni l-ohra*[2]*, hija konkordi mal-volonta` tal-legislatur espressa fl-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jghid li jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena lanqas gravi. Ovvjament u "a fortiori", jekk skond xi wahda minn dawn il-ligijiet, l-att ta' l-imputat ma jkun soggett ghal ebda piena, ebda piena allura ma ghandha tinghata*".

8. U l-istess qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Virginia Mifsud**, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:

"*Attesocche e` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio, si deve applicare la legge piu` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta` dell'imputato. Si veda* ***"Retroattivita della Legge"*** *di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il* ***Gabba*** *quivi citato;* ***Cheaveu et Helie "Teorica del Codice Penale*** *(traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38;* ***Merlin "Repertorio Effetto Retroattivo"*** *paragrafo 11 n. 1;* ***Dalloz: "Repertorio"*** *voce Legge n. 874;* ***Biblioteca del Diritto*** *(versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) – Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13;*

9. Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Agostino Bugeja**:

"*Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*

*1. La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*

[2] Il-Qorti hawnhekk kienet qeghda taghmel referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminal fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bondin**, deciza fil-25 ta' Ottubru 1984.

*2. Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente;*

*3. Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge.*
*Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell'articolo 28, pel quale e` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara` sempre applicata quella di qualita` meno grave …*
*… Invero l'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che, cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali che nel confronto apparisca piu` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu` reato: di logica, perche` maggior mitezza puo` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu` che diminuire elimini qualsiasi pena*".

10. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju illi stante illi r-reati allegatament kommessi mill-imputat sehhew fi zmien meta ma kinitx ghadha dahlet fis-sehh id-disposizzjoni tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-Kap. 9, ghandha tapplika ghalhekk dik il-ligi li kienet fis-sehh qabel l-

imsemmija emendi, liema ligi naturalment kienet izjed favorevoli ghall-imputat.  Ta’ min jghid ukoll illi din il-konkluzjoni giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Marzu 2010, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Sant Hill**, fejn dik il-Qorti rriteniet hekk:

“*Ma hemmx dubju li l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 fuq imsemmija, ma japplikawx ghal kaz tal-appellant peress illi l-akkuzi jirrisalu qabel ma dahlet in vigore dik il-ligi.*

11. Stabbilit dan il-punt, il-Qorti tghaddi issa sabiex tikkunsidra t-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli ghall-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

12. L-imputat jinsab akkuzat talli matul il-perjodu bejn it-2 ta’ Dicembru 1989 u l-1 ta’ Frar 1994,  b’diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala d-detentur jew il-persuna li kellu f’idejh il-fond imsemmi fl-imputazzjoni, b’mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-istess fond ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghal Lm628.36 u huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bl-ammont, kif ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent tal-elettriku u fl-ahharnett talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

13. Ir-reat addebitati lill-imputat huma ghalhekk reati kontinwati, kif kontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, skond liema artikolu:

“*Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista’ tizdied minn grad sa zewg gradi*”.

14. Skond il-prosekuzzjoni, l-addebitu tar-reat kontinwat ghandu wkoll jittiehed in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni u cioe` sabiex

jigi determinat liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 688, huwa applikabbli.

15. Illi f'sentenza moghtija fis-6 ta' Jannar 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Vella**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ghal zewg decizjonijiet kuntrastanti, li nghataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali, diversament presjeduta. Fl-ewwel sentenza ossia dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri**, deciza fit-30 ta' Ottubru 2001, intqal hekk:

"*Illi r-reat kontinwat huwa finzjoni legali kreata essenzjalment ghall-beneficcju tal-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminali wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista'jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi. Dan ifisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita` hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga` jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konkluzjoni differenti twassal ghall-assurdita` legali li jigu maghqudin bil-kontinwita` reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness tal-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal-preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabilment miksur jew eliminat. Din il-Qorti taghmel taghha wkoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li l-kontinwita` fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-Artikolu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghall-finijiet ta'*

*preskrizzjoni "ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett*". *Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu wkoll ikun gie preskritt.*"

16. Illi fis-sentenza taghha, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Vella</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali mbaghad irreferiet ghal sentenza ohra tal-istess Qorti, diversament presjeduta, moghtija fl-10 ta' Mejju 2000, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Borg</u>**, fejn ittiehdet posizzjoni differenti:

"*Iz-zieda fil-piena stabbilita bl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe` sabiex jigi determinat taht liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 ghandu jigi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti; u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dan l-artikolu 689.*

*Fil-ligi taghna r-reat kontinwat, li kien mudellat fuq l-artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, hu meqjus bhala forma sui generis ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita` li d-diversi reati jitqiesu bhala reat wiehed.*

*Il-Ligi Taljana vigenti titratta b'mod ferm differenti r-reat kontinwat ghall-fini ta' preskrizzjoni u dan minhabba dispozizzjonijiet ta' ligi li ma ghandhom l-ebda riskontru fil-Ligi taghna.*"

17. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali mbaghad kompliet tghid illi din is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2000 segwiet sentenza ohra tal-4 ta' Novembru 1976, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Grazio Zerafa</u>**, li wkoll sostniet illi z-zieda fil-piena stabbilita fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni.

18. Illi ghalhekk, il-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Vella</u>**, imbaghad kompliet tghid hekk:-

"*Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2000 u dik tal-4 ta' Novembru 1976 ghaliex legalment aktar jaghmlu sens galadarba wiehed jaccetta l-mod kif inhu*

*ttrattat ir-reat kontinwat fil-Ligi taghna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f'Ligijiet ohrajn. It-test tal-Ligi jghid hekk: 'dawn l-atti jitqiesu bhala wiehed'. Ghalhekk l-argument li jidher fl-ewwel sentenza citata aktar 'il fuq jaqa' ghaliex ma jifdalx aktar reati li mietu wiehed, wiehed izda galadarba l-katina tar-reati tghaqqad ir-reati kollha, dawn jibqghu hajjin ghall-fini tal-preskrizzjoni. L-imputat ikun ha l-vantagg permezz tal-artikolu 18. Izda mal-vantagg irid jiehu wkoll l-izvantagg. L-artikolu 689 tal-Kap 9 isemmi r-recidiva izda ma jsemmix ir-reat kontinwat. Dan l-artikolu l-ahhar li gie emendat kien fis-sena 1900 u kieku sa llum il-Legislatur ried idahhal ir-reat kontinwat, kellu zmien bizzejjed biex jaghmlu. Izda dan ma setax jaghmlu minghajr ma jibdel il-kuncett kif radikat fl-artikolu 18.*"

19. Illi din il-posizzjoni giet abbraccata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Khallouf Fatiha</u>**, deciza fid-29 ta' Mejju 2013 u hija wkoll il-posizzjoni li sejra ssegwi din il-Qorti.

20. Illi ai termini tal-Artikolu 691 tal-Kap. 9, ghar-reati kontinwati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghaddi mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi.

<u>L-ewwel imputazzjoni</u>

21. Illi skond l-Artikoli 31(xi) u (vi), 278(3) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena stabbilita ghar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn seba' xhur sa erba' snin.

22. Illi mbaghad skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi. Dan ifisser illi l-piena bazika – dik minn seba' xhur sa erba' snin – tista' titla' ghal zmien minn tlettax-il xahar sa sitt snin, u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31(ix) u (v). Ghalhekk il-piena massima f'dan il-kaz hija dik ta' prigunerija ghal zmien sitt snin.

23. Illi ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

"*(c) bl-gheluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin.*"

F'dan il-kaz, fil-fatt kemm jekk il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni z-zieda fil-piena minhabba l-addebitu tar-

reat kontinwat, kif ukoll, jekk ma tiehux din iz-zieda in konsiderazzjoni, t-terminu ta’ preskrizzjoni jibqa’ l-istess ossia dak ta’ ghaxar snin.

24. Illi l-ahhar att da parti tal-imputat, allegatament sar fl-1 ta’ Frar 1994. L-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-17 ta’ Frar 1997. Wara dakinhar, huwa rega’ deher fis-seduti tad-19 ta’ Frar 1999, fl-14 ta’ Mejju 1999, fil-15 ta’ Ottubru 1999, fl-24 ta’ Novembru 1999, fil-15 ta’ Dicembru 1999, fl-10 ta’ Marzu 2000, fl-10 ta’ Jannar 2001, fid-9 ta’ Lulju 2001, fl-10 ta’ Ottubru 2001, fl-10 ta’ Dicembru 2001, fit-23 ta’ April 2002, fis-17 ta’ Gunju 2002, fit-30 ta’ Settembru 2002, fis-16 ta’ Dicembru 2002, fid-9 ta’ Dicembru 2003, fil-21 ta’ Mejju 2004, fis-16 ta’ Jannar 2007, fit-13 ta’ Novembru 2012, fid-9 ta’ Jannar 2013, fil-31 ta’ Jannar 2013, fit-8 ta’ April 2013 u fl-14 ta’ Gunju 2013. Ghalhekk l-itwal zmien li fih l-imputat jidher li ma kienx notifikat huwa dak bejn is-16 ta’ Jannar 2007 u t-13 ta’ Novembru 2012 ossia ghall-perjodu ta’ erba’ snin u kwazi hdax-il xahar.

25. Illi stante li ghalhekk m’ghaddewx ghaxar snin bejn notifika u ohra, il-Qorti mhijiex tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

<u>It-tieni imputazzjoni</u>

26. Ai termini tal-Artikolu 326(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-piena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni hija dik ghal zmien mhux izjed minn sentejn. Meta wiehed izid iz-zewg gradi kkontemplati fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9, il-piena bazika tista’ titla’ ghal zmien mhux izjed minn erba’ snin u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31(vii).

27. F’dan il-kaz, skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni:

“*(c) bl-gheluq ta’ ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn disa’ snin u mhux anqas minn erba’ snin.*”

28. Kif diga` inghad, l-itwal zmien li fih l-imputat jidher li ma kienx notifikat huwa dak bejn is-16 ta’ Jannar 2007 u t-13 ta’ Novembru 2012 ossia erba’ snin u kwazi hdax-il xahar u ghalhekk lanqas l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni dwar it-tieni imputazzjoni ma tista’ tintlaqa’.

<u>It-tielet imputazzjoni</u>

29. L-istess irid jinghad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li, fir-rigward taghha, a tenur tal-Artikolu 326(1)(f), il-piena

hija l-istess bhal dik ikkontemplata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Isegwi ghalhekk illi anke t-terminu ta' preskrizzjoni ghal din l-imputazzjoni huwa l-istess ossia dak ta' ghaxar snin, bil-konsegwenza illi anke l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni dwar it-tielet imputazzjoni qed tigi michuda.

**Konkluzjoni**

30. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputat fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------